VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 24**

It-Tlieta 3 ta' Frar, 2015, fis-6.30pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Prof Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Christian Darren Micallef, Il-Kunsillier Raymond Attard, Raymond Azzopardi, Vincent Farrugia Lauri u Vincent Fabri.. L-Ambaxxatur Jake Scerri kien preżenti. L-Ex -Ambaxxatur Jurgen Briffa kien preżenti.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 23 li saret nhar It- It-Tlieta 13 ta' Jannar, 2015, fis-7.30pm kienu ikkonfermati. Il-Kunsillier Raymond Azzopardi u Raymond Attard ma kkonfermawx il-minuti u l-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li hu jikkonferma l-minuti la darba dawn jigu kkoreġuti.

Is-Sindku ssospenda il-laqgħa biex ikun jista jagħmel l-intervent tiegħu l-Kap tal-V18 Sur Jason Micallef. Sur Jason Micallef nforma lill-Kunsill dwar proġett li sar fuq l-ilma. Dan il-proġett pilota huwa studju dwar l-użu tal-bjar ġewwa l-Belt Valletta. Is-Sur Marco Cremona nforma lill-Kunsill dwar dak li sab. Fost l-informazzjoni ġie nnotat li nofs id-djar fil-Belt Valletta għandhom Bir. Is-Sur Jason Micallef innota li ħafna residenti għadhom mhux infurmati dwar l-iskema tal-gvern biex jiġi rrangat il-bir. Il-Kunsill qabel li r-residenti tal-Belt Valletta għandhom jingħataw din l-informazzjoni u jingħata inċentiv biex anke jiġi eżaminat l-ilma tal-bir tagħhom.

Is-Sur Jason Micallef nforma dwar il-proġetti Kapitali li ser isiru, dak tas-Suq tal-Belt u anke dak ta' Strada Stretta. Dwar il-Biċċerija nforma li dan ser ikun proġett ta' 5 miljun euro, fondi ser ikunu strutturali ewropej. L-Għan ta' dan il-proġett hu li jsir Creative Design Cluster House. Dan għandu jkun lest sa l-2018. Ser ikun fih 12 il-kamra.

Is-Sur Jason Micallef nforma li xogħolijiet fuq is-suq tal-Belt ser jibdew f'Ġunju 2015. Isfel ser ikun suq, l-ewwel sular ser ikun għal bars, restaurants u cafetteriji u t-tieni sular ser ikun għal attivitajiet kulturali.

Is-Sur Jason Micallef nforma li fl-1 ta' Marzu ser jiġi mnedi l-proġett 'Discover Valletta' dan huma mmirat għal studenti tal-Form 3. Pero it-tnedija ta' dan il-proġett ser isir fl-iskola ta' Sant'Iermu fil-Belt Valletta.

Is-Sur Jason Micallef tkellem dwar il-pożizzjoni tal-Monti wara li ġie mistoqsi mill-Viċi Sindku Christian Micallef. Ilkoll qablu li l-monti mhux postu fil-Pjazza tal-Parlament.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li CVA Technology u Transport Malta bgħatu risposta dwar CVA desk u anke l-obligu ta' TM lejn il-Kunsill. Il-Kunsill ma kienx sodisfatt u fuq suggeriment ta' Dr Norman Shaw il-Kunsill qabel li ssir kontro-proposta biex il-kunsill jitħallas l-ammont ta' €500.00 fix-xahar.

1.2 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li kien ferm diżappuntat li segretarja kitbet email lil Minority Leader fejn qalet li li dawn huma residenti tiegħu biex jieħu passi u jgħin fl-approvazzjoni tal-parking bays.

1.3 Il-Kunsill Raymond Azzopardi b'mod aggressiv nforma li rraporta l-kas il-partit u anke lid-dipartiment. Is-Segretarja nfurmatu li dik kienet email personali li ntbagħtet lil Dr Norman Shaw u ma kellha qatt tintwera lilu. Hi spjegat li r-residenti għandhom ikunu il-prijorita ta' kull kunsillier qabel entitajiet oħra. Meta rat dan l-għagir nfurmat lil Kunsill Azzopardi biex ma jkellimiex b'dan il-mod meta jaf li għandu kas pendenti l-qorti. Il-Kunsillier Azzopardi nforma li l-kas tal-qorti rebħu hu. Is- Segretarja nfurmatatu li l-kas l-qorti għadu għaddej. Il-Kunsillier Azzopardi attakka kemm lis-Sindku u lis-Segretarja u anke ddikjara li l -progetti ewropej speċjalment taz-zgħazagħ huma ħela ta flus.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar il-progetti Kapitali tal- parking tad-ditch fis-sit tal-Yellow Garage u li saret applikazzjoni għal proġett Kapitali mad-dipartiment tal-Gvern Lokali.
2.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar korrispondenza li kellu mal-Ministru Owen Bonnici dwar l-ufficji tal-Kunsill il-godda pero għadu qed jistenna risposta.
2.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet mal-Mc Donalds biex anke jipprovdi bins huma biex ikompli jittaffa l-problema ta' l-iskart fiċ-ċentru pedonali.
2.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li CVA Technology aċċettaw li jħalsu l-ammont ta' €500.00 fix-xahar għal użu ta' l-uffiċċini tal-Belt.
2.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li dwar il-Monti l-Kunsill ma jaqbilx mal-post fejn ser isir.
2.6 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li kellu laqgħat mal-pulizija biex il-parkeggi ħodor isiru tow zone u għalhekk min jipparkja fuqhom u ma jkunx resident il-karozza tiegħu tigi mneħħija.

## 3. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI

3.1 Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li saret post fil-page li jamministra hu fejn ntaqal li l-għaqdiet tal-Belt m' għadhomx jingħataq kirjiet. Il-kunsillier Azzopardi nforma li l-President tal-Festi Esterni San Duminku għamel dan l-ilment. Tajjeb li wieħed jinnota li dan ix-xogħol kien jingħata mill-gvern ċentrali u issa qed isir mil-ħaddiema tal-garaxx tal-gvern.

## 4. KOMMUNIKAZZJONI TA' L-AMBAXXATUR

L-Ambaxxatur Jake Scerri nforma lil Kunsill li jixtieq jagħmel sottokumitat li jkun jinkludi l-Jurgen Briffa l-ex Ambaxxatur. Dan ikun magħmul min 6 membri biex ikun jistgħu jorganizzaw attivitajiet. Jake Scerri nforma li għandu l-ħsieb li jorganizza attivita fuq gaming ' Fifa u Call off duty. Tourament fis-Salinos ground. Homework club fejn ser jagħmel sejħa għal ex għalliema beltin biex jagħtu servizz lill-Komunita.

L-Ex Ambaxxatur Jurgen Briffa nforma li hu attenda laqgħa ta' Ambaxxaturi u Ex Ambaxxaturi organizzata mill kumitat tal-VOT16.

## 5. KORRISPONDENZA

5.1 Korrispondenza min għand L-Arċikonfraternita' tas-SS Mu Kurċifiss dwar l-arrangmenti li għandhom isiru għal purcissjonijiet tad-Duluri u tal-Ġimgħa l-Kbira
5.2 Korrispondenza min għand Sur john Fenech dwar attivita li ser issir gewwa strada stretta
5.3 Korrispondenza min għand l-Ministeru ta' laffarijiet barranin dwar l- Commonwealth. Il-Kunsill qabel li l-Arblu tal-Kunsill m għandux jintuza pero hemm tappiera fil-viċin li tista tintuża u qedgħa fi post strategiku ħafna.
5.4 Korrispondenza min għand Jurgen Briffa segretarju tal-Festi Esterni San Duminku Valletta biex isiry tappieri ġodda għal festa ta' San Duminku u dik tal-Madonna tal-Karmnu.
5.5 Korrispondenza min għand CARDET Ngo ġewwa Ċipru biex Kunsillier Vincent Farrugia u Segretarja Gabriella Agius jattendu għal laqgħa. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 6. AMMINISTRAZZJONI

6.1 Nfurmat li l-laqgħat tar-residenti ser isiru:



**TMIEM**

Fl-20.30hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tlieta 10 ta' Marzu 2015 fit -18:30hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku